**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**17 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Numru 66/2021**

**Anna Maria Buttigieg**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Anna Maria Buttigieg** ippreżentat fl-14 ta' Lulju, 2021, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

1. *Illi nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-esponenti irċeviet ittra datata erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn ġiet infurmata mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija illi l-istess Kummissarju tal-Pulizija irrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti għal ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat.*

2. *Illi skont il-Kummissarju tal-Pulizija l-applikazzjoni tal-esponenti għal ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat ġiet irrifjutata fl-interess pubbliku u dan peress illi ġew ikkunsidrati diversi sentenzi liema sentenzi meta meqjusa fl-intier tagħhom irendu l-applikazzjoni tal-esponenti mhux idonea sabiex tintlaqa'.*

3. *Illi l-appellant jirrileva illi d-deċiżjoni finali meħuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija waħda inġusta, irraġjonevoli, bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u kif ukoll sproporzjonata għall-fatti speċje tal-każ u dan kif se tipprova l-istess esponenti waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna. Illi jiġi rilevat illi għalkemm hija nstabet ħatja fis-sentenzi iċċitati mill-Kummissarju tal-Pulizija dawn xorta ma jrendux tali applikazzjoni mhux idonea fl-interess pubbliku. Illli l-Kummissarju tal-Pulizija għalkemm iċċita s-sentenzi bħala r-raġuni li rendew*

*l-applikazzjoni tagħha bħala mhux idonea ma ssostantjax raġunijiet ulterjuri għal tali rifjut.*

4. *Illi għalkemm il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li tali applikazzjoni tista' tiġi rifjutata a bażi ta' interess pubbliku pero' awtorita' pubblika ma tistax tuża din il-bażi mingħajr ma tispeċifika r-raġuni li skont hi tmur kontra l-interess pubbliku. Dan huwa prinċipju bażilari fil-kamp amministrattiv. In-nuqqas li tingħata raġuni irendi d-deċiżjoni in kwistjoni irraġjonevoli u dan it-Tribunal għandu s-setgħa jissindika l-istess.*

5. *Il-Kummissarju intimat meta jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu għandhu jżomm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jeżerċita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa prinċipju assodat li:*

   *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*

6. *Fis-sentenza, Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li:*

   *"it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'.*

7. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti hija ferm inġusta li minħabba inċident illi seħħew ħafna snin ilu hija tiġi mċaħħda milli jottjeni liċenzja ta' gwardjan privat.*

8. *F'dan is-sens issir referenza għal kawża fl-ismijiet, Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija deċiż minn dan l-Onorabbli Tribunal kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Frar 2017 fejn wara li t-Tribunal nnota illi l-attur kien biddel id-direzzjoni ta' ħajtu u irrijabilita ruħhu, it-Tribunal ordna lil Kummissarju sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja tal-Gwardjan.*

9. *Illi l-interess pubbliku ma jistax jintuża biex kull min żbalja fil-passat, jibqa' ttimbrat b'mod li ma jingħatax opportunita oħra sabiex juri li hu ċittadin denju tas-soċjeta'.*

10. *Illi l-esponent tammetti li żbaljat fil-passat, iżda hi rriformat ruħha u llum hija bniedma li għandha ħajja stabbli ferm u għalhekk tixtieq tingħata l-opportunita li taqdi l-istess soċjeta' bħala gwardjan privat.*

11. *Dan kollu jindika illi għalkemm persuna fil-passat tkun żbaljat, jekk tagħraf tirregola u tirriforma ruħha, ma tkun teżisti l-ebda raġuni valida illi tipprekludi lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija illi jippermetti lill-istess persuna taqdi lis-soċjeta', kif fuq kollox tixtieq tagħmel ir-rikorrenti.*

12. *Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Kummissarju tal-Pulizija, dan ikompli jindika illi d-deċiżjoni meħuda minnu li jirrifjuta t-talba tar-rikorrent għal ħruġ tal-liċenzja kienet irraġjonevoli u fuq kollox mhux studjata u dan stante li l-interess pubbliku propju jirrikjedi li fl-eżerċizzju li jagħmel il-Kummissarju tal-Pulizija meta jgħarbel applikazzjoni bħal dik sottomessa mir-rikorrenti, huwa japprofondixxi u jmur 'lil hinn minn sempliċi eżami ta' dokumentazzjoni ta' sentenzi.*

13. *Illi inoltre l-esponent tirrileva illi hi għandha kondotta nadifa u għalhekk għalkemm fil-passat instabet ħatja ta' xi reati, illum il-ġurnata, hija rriformat kompletament ruħha u saħanistra mgħandha xejn fuq il-kondotta tagħha.*

14. *Illi għalhekk dan l-Onorabbli Tribunal għandu jħassar l-imsemmija deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u għaldaqstant joħorġilha l-liċenjza ta' gwardjan privat.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) hija żbaljata u inġusta u għalhekk tali deċiżjoni għandha tiġi mħassra u revokata u dana għar-raġunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaċċettaw l-applikazzjoni tal-appellant għal-liċenzja ta' gwardjan privat;*

3. *Jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija joħroġ il-liċenzja relattiva tal-appellanta;*

4. *Tordna kull provvediment ieħor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 3 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex*

*jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta` gwardjan privat abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi l-esponent jirrileva li fid-dawl ta' bosta kunsiderazzjonijiet magħmula, fosthom ir-reati kommessi mir-rikorrenti elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', ma setax jilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li Anna Maria Buttigieg għandha tkun persuna ta' eżempju f'xogħolha u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess f'każ li tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra r-reati kommessi, l-esponent ma jħossx li r-rikorrenti hija persuna idonea sabiex tagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

4. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrenti hija prekluża li tagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma tistax tagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrenti hija kwalifikat għalih u kapaċi tagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrenti milli tagħmel tali xogħol;*

5. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrenti trid tirrikonoxxi li l-liċenzja li applikat għaliha ġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. F'din is-sentenza, fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta` liċenza ta` Gwardjan Privat......*

*B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwhiex ta` xi minaċċa għas-soċjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjeta`. Konsegwentement għalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

6. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe` mhux biss b'rabta ma` xi biża` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti;*

7. *Illi għal kuntrarju ta' dak li qed issostni r-rikorrenti, ai termini tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 11 tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju intimat "f'każ ta' rifjut taħt l-artikolu 10(b), ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku" u għalhekk m'għandux għalfejn jispeċifika oltre r-raġunijiet tiegħu għal tali rifjut;*

8. *Illi finalment b'referenza għat-tielet u r-raba' talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex jaċċetta l-applikazzjoni tar-rikorrenti għal-liċenzja ta' Gwardjan Privat u sabiex joħroġ liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrenti u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi u għaldaqstant m'għandhomx jiġu milqugħa;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri in rappreżentanza tal-Kummissarju intimat;

Ra l-affidavit tar-rikorrenti u x-xhieda tagħha in kontro-eżami;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li rrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat abbażi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali).

**Ir-rikorrent** xehdet illi hija ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u dan għaliex is-sentenzi li ngħataw fil-konfront tagħha ngħataw snin ilu u li llum il-ġurnata, anke bl-għajnuna tal-Uffiċjal tal-*Probation*, m'għandhiex kawżi pendenti. Spjegat li kien diffiċli ħafna għaliha li ssib xogħol u tatribwixxi dan il-fatt minħabba li għandha xi *tattoos* u l-aħħar li kienet taħdem bħala fattiga kienet tkeċċiet peress li kienu jagħtuha l-ħass ħażinijiet. Hija stqarret ukoll li tbati mid-dipressjoni.

Da parti tagħha l-**Ispettur Sarah Magri** stqarret li meta ġiet biex tipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti hija eżaminat il-fedina penali tagħha u kien hemm kundanna partikolari li ġibdtilha l-attenzjoni, u ċioe` akkuża ta' attivita sesswali fuq minorenni. Ix-xhud ippreżentat ukoll tliet (3) sentenzi li ngħataw fil-konfront tar-rikorrenti, u ċioe`:-

1. Sentenza datata 24 ta' Ġunju 2008 fejn ir-rikorrenti nstabet ħatja ta' serq sempliċi. Ir-rikorrenti ammettiet għall-imputazzjoni u ġiet liberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur;
2. Sentenza datata 4 ta' Ottubru 2012 fejn ir-rikorrenti nstabet ħatja li tat fastidju lil terza persuna u li bl-imġieba tagħha kkaġunat fiha biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha u wkoll li għamlet użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni. Ir-rikorrenti kienet ammettiet għal dawn l-imputazzjonijiet u ġiet impoġġija taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn;
3. Sentenza datata 4 ta' Ġunju 2019 fejn ir-rikorrenti nstabet ħatja li fl-2015 ipparteċipat f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' 15-il sena. Ir-rikorrenti kienet ammettiet għal din l-imputazzjoni u ġiet liberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn wara li l-Qorti kkunsidrat illi l-attivita` saret darba biss u bil-kunsens tal-minuri involuta.

Illi r-rikorrenti pproduċiet ukoll rapport ta' l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia li segwietha għal perjodu ta' sentejn mill-2012 sal-2014. F'dan ir-rapport hemm elenkati il-problemi soċjali u personali li r-rikorrenti għaddiet minnhom minn eta` żgħira. Mill-istess rapport jirriżulta illi r-rikorrenti ma kellhiex ħajja stabbli u għamlet perjodu sostanzjali tiġri minn post għall-ieħor sakemm f'Lulju 2014 bdiet tiġi segwita minn *social worker* u kienet

ġiet riferuta għall-proġett tal-LEAP fejn għinuha ssib impjieg ta' ġardinar mal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**Ikkunsidra:**

Illi artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`) jgħid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-***interess pubbliku** *li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi l-Kummissarju intimat ibbaża r-rifjut tiegħu fuq tliet (3) sentenzi li ġew ippronunzjati fil-konfront tar-rikorrent f'perjodu bejn l-2008 u l-2019. Il-Qorti tosserva illi filwaqt li fl-2008 ir-rikorrenti kellha tmintax-il sena, fl-2015 (u ċioe` meta wettqet ir-reat li għalih instabet ħatja fl-2019) hija kellha ħamsa u għoxrin (25) sena. Mix-xhieda tal-Ispettur Sarah Magri jirriżulta li kien proprju dan l-aħħar każ li xaqleb il-miżien favur ir-rifjut tal-applikazzjoni tar-rikorrenti u dan għaliex kien jirrigwarda reat ta' attivitajiet sesswali ma' minorenni ta' ħmistax (15)-il sena.

Illi mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation toħroġ stampa pjuttost imwegħra tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, anke jekk fil-*"maġġoranza hija kkoperat mal-Ordni u ħadmet fuq il-problemi tagħha."*[2] Madanakollu t-Tribunal josserva illi l-Ordni ta' Probation intemmet fl-2014 u l-Uffiċjal tal-*Probation* kienet qed tirrelata għal dan il-perjodu. It-Tribunal ftit li xejn ġie mgħarraf x'sar mir-rikorrenti bejn l-2014 u llum għajr li r-rikorrent tgħid li qed issibha diffiċli biex issib xogħol.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi huwa ferm importanti għar-rikorrenti li jkollha impjieg fiss biex timxi 'l quddiem, madanakollu jrid ukoll iqis jekk minn dak kollu li ġie prodott quddiemu jistax serenement jikkonkludi li l-Kummissarju intimat ma kienx raġjonevoli fid-deċiżjoni tiegħu. Biex jasal biex jagħmel hekk, it-Tribunal irid ikollu moħħu mistrieħ li jista' jafda lir-rikorrenti fil-qadi tad-dmirijiet ta' gwardjan privat. Illi kif ġia ingħad kemm-il darba f'sentenzi dwar rifjut ta' liċenzji ta' gwardjani privati, ħafna drabi huwa neċessarju li l-Kummissarju ma jieqafx biss b'ħarsa lejn il-fedina penali, speċjalment meta r-reati kommessi ikunu seħħew snin ferm qabel. Madanakollu, fil-każ preżenti, it-Tribunal iħoss li ma jistax ikollu moħħu

---

[2] Ara rapport a fol. 26 u 27

mistrieħ li bl-għoti tal-liċenzja lir-rikorrenti l-interess pubbliku se jkun qiegħed jiġi salvagwardjat u dan mhux tant għaliex ikkommettiet ir-reati li ssemmew iktar 'il fuq, iżda minħabba l-fatt li r-rikorrenti bl-ebda mod ma uriet lil dan it-Tribunal kif ħadmet fuqha nnifisha biex tkun tista' tiġi fdata b'liċenzja oneruża bħal dik ta' gwardjan privat. Dan it-Tribunal bl-ebda mod ma ġie konvint illi dak li sfortunatament għaddiet minnu r-rikorrenti u r-reati kommessi minnha mhux ta' ostakolu għall-mod kif hija tista' taġixxi fil-qadi ta' dmirijietha. Kif dan it-Tribunal kellu okkażjoni jesprimi ruħu f'sentenzi oħra, l-awto ċertifikazzjoni mhix biżżejjed biex jikkonvinċi ruħu li persuna li fil-passat kellha problemi partikolari illum il-ġurnata tista' tiġi fdata bil-qadi tal-funzjonijiet ta' gwardjan privat. It-Tribunal jirrileva illi reċentement kellu l-okkażjoni fejn irrevoka deċiżjonijet tal-Kummissarju intimat meta dan irrifjuta applikazzjoni ta' gwardjan privat abbażi tal-interess pubbliku nonostante li r-reati kommessi mill-applikanti kienu simili jew tal-istess gravita` għal dawk tar-rikorrenti.[3] Pero` f'dawk il-każijiet, dan it-Tribunal ġie konvint permezz tal-provi prodotti mir-rikorrenti illi huma għamlu ħilithom biex jinqalgħu mill-ħajja mħarbta li kienu qed jgħixu u llum il-ġurnata mxew 'il quddiem b'ħajjithom. Rinfaċċjat b'dawn il-provi t-Tribunal kien tal-opinjoni li ladarba l-applikanti kienu ħadmu fuqhom infushom, il-passat tagħhom ma kellux jimpedihom milli jingħataw din il-liċenzja. Kif dejjem qal dan it-Tribunal imbagħad sta għalihom jibqgħu mexjin dritt u fis-sewwa sabiex jibżgħu għal-liċenzja li jingħataw.

Illi għalhekk, filwaqt li ma jirriżultax illi mill-2015 'l hawn ir-rikorrenti daħlet f'xi nkwiet ieħor, min-naħa l-oħra dan it-Tribunal m'għandux provi biżżejjed li r-rikorrenti ħadmet fuq il-problemi li kellha u li allura dan it-Tribunal jista' serenement jafdaha bil-liċenzja in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat għandu fil-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani, u għalkemm f'dan il-każ se jkun qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu iqis li hemm lok li l-istess Kummissarju jidħol iktar fil-fond qabel ma jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kif diġa' ntqal iktar 'il fuq, filwaqt li dan it-Tribunal jirrikonoxxi illi persuna tista' tiżbalja, tagħraf l-iżball tagħha u timxi 'l quddiem, u allura għandha kemm jista' jkun tiġi mgħejjuna u ppremjata għall-isforzi ġenwini tagħha, fil-każ in eżami r-rikorrenti ma pprovdiet l-ebda prova pożittiva li ħadmet fuq il-problemi li kellha.

Illi għalhekk, għalkemm dan it-Tribunal se jkun qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat, huwa tal-fehma li meta l-Kummissarju

[3] Ara ***Mae Al Sous vs Kummissarju tal-Pulizija*** deciza fit-28 ta' April 2022 u ***Shilo Curmi vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** deciza fl-14 ta' Lulju 2022

intimat jiġi biex jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fejn tidħol il-kwistjoni ta' interess pubbliku, għandu jieħu stampa iktar wiesgħa tal-applikant minn dik li turi l-fedina penali, u dan speċjalment fil-każ fejn is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-applikant ma jkunux daqstant riċenti. Dan l-eżerċizzju jgħin biex il-Kummissarju intimat, qabel jasal għad-deċiżjoni tiegħu, ikollu kwadru komplut dwar xi żviluppi setgħu saru da parti tal-applikant biex jirriforma ruħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**